2024/2515

26.9.2024

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2515

tad-9 ta' Lulju 2024

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għall-użu tad-dominju tal-istatistika dwar it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2025

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

Biex ikunu koperti l-ħtiġijiet tal-istatistika għas-suġġetti dettaljati rilevanti stipulati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1700, jeħtieġ jiġu speċifikati l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għas-sett tad-*data* fl-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2025,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-għadd u t-titoli tal-varjabbli għall-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2025 għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L 261 I, 14.10.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1700/oj.

ANNESS

Għadd u titoli tal-varjabbli għall-użu fid-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2025

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
01. Oġġetti tekniċi — 15 varjabbli tekniċi obbligatorji, 2 varjabbli tekniċi fakultattivi	Informazzjoni dwar il-ġbir tad-*data*	REFYEAR	Sena tal-istħarriġ
	Informazzjoni dwar il-ġbir tad-*data*	INTDATE	Data ta' referenza – data tal-ewwel intervista
	Informazzjoni dwar il-ġbir tad-*data*	STRATUM_ID	Strat
	Informazzjoni dwar il-ġbir tad-*data*	PSU	Unità primarja tal-kampjunar
	Identifikazzjoni	HH_ID	ID tal-unità domestika
	Identifikazzjoni	IND_ID	ID tal-individwu
	Identifikazzjoni	HH_REF_ID	ID tal-unità domestika li jappartjeni għaliha l-individwu
	Ponderazzjonijiet	HH_WGHT	Ponderazzjoni tal-unità domestika
	Ponderazzjonijiet	IND_WGHT	Ponderazzjoni tal-individwu
	Karatteristiċi tal-intervista	TIME	Tul tal-intervista
	Karatteristiċi tal-intervista	INT_TYPE	Tip ta' intervista
	Lokalizzazzjoni	COUNTRY	Pajjiż tar-residenza
	Lokalizzazzjoni	GEO_NUTS1	Reġjun tar-residenza
	Lokalizzazzjoni	GEO_NUTS2 (fakultattiva)	Reġjun tar-residenza (fakultattiva)
	Lokalizzazzjoni	GEO_NUTS3 (fakultattiva)	Reġjun tar-residenza (fakultattiva)
	Lokalizzazzjoni	DEG_URBA	Grad tal-urbanizzazzjoni
	Lokalizzazzjoni	GEO_DEV	Lokazzjoni ġeografika

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
02. Karatteristiċi tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi – 7 varjabbli miġbura, varjabbli derivat wieħed, 8 varjabbli fakultattivi	Demografija	SEX	Ġeneru
	Demografija	YEARBIR	Sena tat-twelid
	Demografija	PASSBIR	L-aħħar għeluq is-snin
	Demografija	AGE	Età fi snin magħluqa
	Ċittadinanza u sfond migratorju	CITIZENSHIP	Pajjiż taċ-ċittadinanza prinċipali
	Ċittadinanza u sfond migratorju	CNTRYB	Pajjiż tat-twelid
	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_POP	Daqs tal-unità domestika (għadd ta' membri fl-unità domestika)
	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_POP_16_24 (fakultattiva)	Għadd ta' membri tal-unità domestika ta' bejn 16 u 24 sena (fakultattiva)
	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_POP_16_24S (fakultattiva)	Għadd ta' studenti fl-unità domestika ta' bejn 16 u 24 sena (fakultattiva)
	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_POP_25_64 (fakultattiva)	Għadd ta' membri tal-unità domestika ta' bejn 25 u 64 sena (fakultattiva)
	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_POP_65_74 (fakultattiva)	Għadd ta' membri tal-unità domestika ta' bejn 65 u 74 sena (fakultattiva)
	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_POP_75_MAX (fakultattiva)	Għadd ta' membri tal-unità domestika li għandhom 75 sena jew aktar (fakultattiva)
	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_CHILD	Għadd ta' tfal iżgħar minn 16-il sena
	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_CHILD_14_15 (fakultattiva)	Għadd ta' tfal ta' bejn 14 u 15-il sena (fakultattiva)
	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_CHILD_5_13 (fakultattiva)	Għadd ta' tfal ta' bejn 5 u 13-il sena (fakultattiva)
	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_CHILD_LE_4 (fakultattiva)	Għadd ta' tfal ta' 4 snin jew iżgħar (fakultattiva)

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
03. Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol – 5 varjabbli miġbura, 3 varjabbli fakultattivi	Status tal-attività ewlenija (awtodefinit)	MAINSTAT	Status tal-attività ewlenija (awtodefinit)
	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	STAPRO	Status tal-impjieg fil-każ tal-impjieg ewlieni
	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	NACE1D (fakultattiva)	Attività ekonomika tal-unità lokali għall-impjieg ewlieni (fakultattiva)
	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	ISCO2D	Okkupazzjoni fl-impjieg ewlieni
	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	OCC_ICT	Professjonist tal-ICT jew professjonist mhux tal-ICT
	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	OCC_MAN	Ħaddiem tal-id u mhux tal-id
	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	EMPST_WKT (fakultattiva)	Impjieg ewlieni full-time jew part-time (awtodefinit) (fakultattiva)
	Tul tal-kuntratt	EMPST_CONTR (fakultattiva)	Permanenza tal-impjieg ewlieni (fakultattiva)
04. Kisba edukattiva u sfond – varjabbli miġbur wieħed, varjabbli derivat wieħed	Livell edukattiv miksub	ISCEDD	Livell edukattiv miksub (l-ogħla livell edukattiv mitmum b'suċċess)
	Livell edukattiv miksub	ISCED	Livell edukattiv miksub aggregat
05. Introjtu, konsum u elementi tal-ġid, inkluż id-djun – varjabbli miġbur wieħed	Introjtu totali fix-xahar tal-unità domestika	HH_IQ5	Introjtu kurrenti nett medju totali fix-xahar
06. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni – 120 varjabbli miġbura, 26 varjabbli fakultattivi, varjabbli derivat wieħed	Aċċess għall-ICT	IACC	Aċċess tal-unità domestika għall-Internet mid-dar (b'xi apparat)
	Użu u frekwenza tal-użu tal-ICT	IU	L-aktar użu riċenti tal-Internet, f'xi post, b'xi apparat abilitanti
	Użu u frekwenza tal-użu tal-ICT	IFUS	Frekwenza medja tal-użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur
	Użu u frekwenza tal-użu tal-ICT	IUG_DKPC	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur fuq kompjuter

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Użu u frekwenza tal-użu tal-ICT	IUG_LPC	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur fuq laptop
	Użu u frekwenza tal-użu tal-ICT	IUG_TPC	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur fuq tablet
	Użu u frekwenza tal-użu tal-ICT	IUG_MP	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur fuq mowbajl jew smartphone
	Użu u frekwenza tal-użu tal-ICT	IUG_OTH1	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur fuq xi apparati oħra (bħal televiżjoni intelliġenti, speakers intelliġenti, console tal-logħob, qarrej tal-kotba elettroniċi, arloġġ intelliġenti)
	Attivitajiet tal-Internet	IUEM	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat biex jintbagħtu u jaslu l-emails
	Attivitajiet tal-Internet	IUPH1	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat biex isiru telefonati (inkluż telefonati awdjovi-żivi) bl-Internet
	Attivitajiet tal-Internet	IUSNET	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat għal parteċipazzjoni fuq il-midja soċjali (ħolqien ta' profil tal-utent, ippostjar tal-messaġġi jew kontributi oħra)
	Attivitajiet tal-Internet	IUCHAT1	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat għal messaġġi istantanji (skambju tal-messaġġi)
	Attivitajiet tal-Internet	IUNW1	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat biex jinqraw portali tal-aħbarijiet, gazzetti jew ir-rivisti tal-aħbarijiet online
	Attivitajiet tal-Internet	IHIF	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat għal tiftix tal-informazzjoni dwar is-saħħa (bħal fuq korrimenti, mard, nutrizzjoni, titjib tas-saħħa)
	Attivitajiet tal-Internet	IHIFPH	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat għal tiftix tal-informazzjoni dwar is-saħħa fiżika (bħal fuq sintomi tal-influwenza, pressjoni għolja tad-demm, medikazzjoni għall-uġigħ, proċeduri kirurġiċi, nutrizzjoni, miżuri li jippromwovu s-saħħa)
	Attivitajiet tal-Internet	IHIFMH	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat għal tiftix tal-informazzjoni dwar is-saħħa mentali (bħal fuq eżawrimenti, dipressjoni, ansjetà, disturbi alimentari, tnaqqis tal-istress)
	Attivitajiet tal-Internet	IUIF	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat għal tiftix tal-informazzjoni dwar oġġetti jew servizzi
	Attivitajiet tal-Internet	IUIFSP	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat għal tiftix tal-informazzjoni dwar is-sikurezza ta' prodotti (informazzjoni dwar riskji assoċjati jew perikli għas-saħħa, kompożizzjoni, struzzjonijiet għal użu sikur, dettalji tal-kuntatt biex jiġu rrappurtati kwistjonijiet tas-sikurezza)

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Attivitajiet tal-Internet	IUPOL2	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat biex jiġu espressi opinjonijiet dwar kwistjonijiet ċiviċi jew politiċi fuq siti web jew midja soċjali
	Attivitajiet tal-Internet	IUVOTE	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat għal parteċipazzjoni f'konsultazzjonijiet jew votazzjonijiet online biex jiġu definiti kwistjonijiet ċiviċi jew politiċi (bħal ippjanar urban, iffirmar ta' petizzjoni)
	Attivitajiet tal-Internet	IUJOB	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat għal tiftix għal impjieg jew biex tintbagħat applikazzjoni għal impjieg
	Attivitajiet tal-Internet	IUSELL	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat għall-bejgħ ta' oġġetti jew servizzi fuq sit web jew app
	Attivitajiet tal-Internet	IUBK	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat biex jintużaw servizzi bankarji fuq l-Internet (inkluż ibbankjar bil-mowbajl)
	Attivitajiet tal-Internet	IUAI	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal għodod ġenerattivi tal-intelliġenza artifiċjali (AI) biex jinħoloq kontenut bħal testi, immaġnijiet, kodiċi tal-ipprogrammar, jew videos
	Attivitajiet tal-Internet	IUAIPR	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat għal għodod ġenerattivi tal-AI
	Attivitajiet tal-Internet	IUAIWP	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop professjonali (ta' xogħol) għal għodod ġenerattivi tal-AI
	Attivitajiet tal-Internet	IUAIFE	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal għodod ġenerattivi tal-AI b'rabta ma' attivitajiet tal-edukazzjoni firmali (bħal għall-iskola jew għall-università)
	Attivitajiet tal-Internet	IUAIR	Raġuni ewlenija għan-nuqqas ta' użu ta' għodod ġenerattivi tal-AI fl-aħħar 3 xhur
	Attivitajiet tal-Internet	IUOLC	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur biex isiru attivitajiet tat-tagħlim għal skopijiet edukattivi, professjonali jew privati, permezz ta' kors online
	Attivitajiet tal-Internet	IUOLM	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur biex isiru attivitajiet tat-tagħlim għal skopijiet edukattivi, professjonali jew privati, permezz ta' materjal tat-tagħlim disponibbli online li mhux kors kollu kemm hu online (bħal tutorials bil-video, webinars, kotba tat-tagħlim elettroniċi, apps jew pjattaformi tat-tagħlim)
	Attivitajiet tal-Internet	IUOCIS1	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur biex isiru attivitajiet tat-tagħlim għal skopijiet edukattivi, professjonali jew privati, permezz ta' komunikazzjonijiet ma' edukaturi jew studenti b'għodod online awdjo jew video
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVIP	Attivitajiet fuq sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'aċċess lir-rispondent għall-informazzjoni maħżuna dwaru mill-awtoritajiet pubbliċi jew mis-servizzi pubbliċi (bħal informazzjoni dwar [eżempji nazzjonali])

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVIDB	Attivitajiet fuq sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'aċċess mir-rispondent għal informazzjoni minn bażijiet tad-*data* jew reġistri pubbliċi (bħal informazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' kotba f'libreriji pubbliċi, reġistri katastali, reġistri tal-intrapriżi)
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOV12IF	Attivitajiet fuq sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu fil-kisba mir-rispondent ta' informazzjoni (eż. dwar servizzi, benefiċċji, intitolamenti, liġijiet, ħinijiet tal-ftuħ)
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVIX	Ir-rispondent la aċċessa rekords personali jew bażijiet tad-*data*, u lanqas ma kiseb informazzjoni minn sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOV12FM	Tniżżil jew stampar ta' formoli uffiċjali mir-rispondent minn sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVAPR	Appuntamenti jew prenotazzjonijiet mir-rispondent fuq sit web jew app ma' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi (bħas-self ta' kotba minn librerija pubblika, appuntament ma' impjegat tal-gvern jew fornitur tal-kura tas-saħħa tal-Istat) għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVPOST (fakultattiva)	Riċeviment mir-rispondent ta' xi komunikazzjoni jew dokumenti uffiċjali mibgħuta mingħand awtoritajiet pubbliċi mill-profil tar-rispondent fuq sit web jew app [isem is-servizz, jekk applikabbli fil-pajjiż] ta' awtoritajiet jew servizzi pubbliċi (bħal notifiki ta' multi jew fatturi, ittri, servizz tat-taħrik tal-qorti, dokumenti tal-qorti [eżempji nazzjonali]) għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar. Jenħtieġ li jiġi esklużl-użu ta' messaġġi informattivi jew notifiki bl-email jew bl-SMS li jinfurmaw li xi dokument ikun sar disponibbli (fakultattiva)
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVTAX2	Dikjarazzjoni tat-taxxa kompluta, editjata, rieżaminata jew approvata tar-rispondent stess fuq sit web jew app għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVODC	Attivitajiet fuq sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'rikjesta mir-rispondent għal dokumenti jew ċertifikati uffiċjali (bħal gradwazzjoni, twelid, żwieġ, divorzju, mewt, ċertifikati tar-residenza, rekords tal-pulizija jew kriminali [eżempji nazzjonali])
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVBE	Attivitajiet fuq sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'rikjesta mir-rispondent għal benefiċċji jew intitolamenti (bħal pensjoni, benefiċċji tal-qgħad, benefiċċji tat-tfal, applikazzjoni għall-iskola, universitajiet [eżempji nazzjonali])

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVRCC	Attivitajiet fuq sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'rikjesti, talbiet jew ilmenti oħra mir-rispondent (bħal rappurtar ta' serq lill-pulizija, ftuħ ta' lment legali, talba għall-għajnuna legali, ftuħ ta' proċedura ċivili ta' talba quddiem qorti [eżempji nazzjonali])
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IRGOVNN	Raġunijiet għaliex ma sarux rikjesti għal dokumenti uffiċjali jew ma saru l-ebda talbiet fuq sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi fl-aħħar 12-il xahar – ir-rispondent ma kellux għalfejn jitlob xi dokumenti jew jagħmel xi talba
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IRGOVLS	Raġunijiet għaliex ma sarux rikjesti għal dokumenti uffiċjali jew ma saru l-ebda talbiet fuq sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi fl-aħħar 12-il xahar – ir-rispondent m'għandux ħiliet jew għarfien (eż. ir-rispondent ma kienx jaf juża s-sit web jew l-app, jew din kienet ikkumplikata wisq biex jużaha)
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IRGOVSEC	Raġunijiet għaliex ma sarux rikjesti għal dokumenti uffiċjali jew ma saru l-ebda talbiet fuq sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi fl-aħħar 12-il xahar – ir-rispondent preokkupat dwar is-sigurtà tad-*data* personali tiegħu jew ma jridx iħallas online (frodi tal-karta tal-kreditu)
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IRGOVEID (fakultattiva)	Raġunijiet għaliex ma sarux rikjesti għal dokumenti uffiċjali jew ma saret l-ebda talba fuq sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi fl-aħħar 12-il xahar – ir-rispondent m'għandux firma elettronika, identifikazzjoni elettronika (eID) attivata jew xi għodda oħra biex juża l-eID (meħtieġa biex jintużaw is-servizzi) [eżempji nazzjonali] (fakultattiva)
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IRGOVOP	Raġunijiet għaliex ma sarux rikjesti għal dokumenti uffiċjali jew ma saret l-ebda talba fuq sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi fl-aħħar 12-il xahar – ħaddieħor għamilha f'isem ir-rispondent (eż. xi konsulent, qarib)
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IRGOVNAP (fakultattiva)	Raġunijiet għaliex ma sarux rikjesti għal dokumenti uffiċjali jew ma saret l-ebda talba fuq sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi fl-aħħar 12-il xahar – ma kien hemm l-ebda servizz online disponibbli (fakultattiv)
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IRGOVOTH	Raġunijiet għaliex ma sarux rikjesti għal dokumenti uffiċjali jew ma saret l-ebda talba fuq sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi fl-aħħar 12-il xahar – xi raġuni oħra
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVANYS	Ir-rispondent interaġixxa mal-awtoritajiet pubbliċi
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IEID	L-użu tar-rispondent tal-identifikazzjoni elettronika (eID(s)) tiegħu [lista nazzjonali tal-eIDs kollha speċifiċi għall-pajjiż, rikonoxxuti uffiċjalment mill-awtoritajiet pubbliċi jew mis-servizzi pubbliċi u li għandhom livell għoli jew sostanzjali ta' aċċertament skont ir-Regolament eIDAS ([1])] biex jaċċessa servizzi online għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IEIDOC	Tip ta' servizzi li għalihom ir-rispondent uża eID(s) [lista nazzjonali tal-eIDs kollha speċifiċi għall-pajjiż, rikonoxxuti uffiċjalment mill-awtoritajiet pubbliċi jew mis-servizzi pubbliċi u li għandhom livell għoli jew sostanzjali ta' aċċertament skont ir-Regolament eIDAS] fl-aħħar 12-il xahar — servizzi pprovduti minn awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi tal-pajjiż tar-residenza tar-rispondent (eż. meta r-rispondent jippreżenta dikjarazzjoni tat-taxxa, japplika għal benefiċċju soċjali, jitlob ċertifikati uffiċjali, jaċċessa r-rekords tas-saħħa [eżempji nazzjonali])
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IEIDEC	Tip ta' servizzi li għalihom ir-rispondent uża eID(s) [lista nazzjonali tal-eIDs kollha speċifiċi għall-pajjiż, rikonoxxuti uffiċjalment mill-awtoritajiet pubbliċi jew mis-servizzi pubbliċi u li għandhom livell għoli jew sostanzjali ta' aċċertament skont ir-Regolament eIDAS] fl-aħħar 12-il xahar — servizzi pprovduti minn awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi ta' pajjiżi Ewropej oħrajn (eż. meta r-rispondent jippreżenta dikjarazzjoni tat-taxxa, jitlob dokumenti jew ċertifikati uffiċjali [eżempji nazzjonali]) (jekk applikabbli fil-pajjiż)
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IEIDBS	Tip ta' servizzi li għalihom ir-rispondent uża eID(s) [lista nazzjonali tal-eIDs kollha speċifiċi għall-pajjiż, rikonoxxuti uffiċjalment mill-awtoritajiet pubbliċi jew mis-servizzi pubbliċi u li għandhom livell għoli jew sostanzjali ta' aċċertament skont ir-Regolament eIDAS] fl-aħħar 12-il xahar — servizzi pprovduti mis-settur tan-negozju (eż. ir-rispondent jaċċessa servizzi bankarji, jilloggja f'servizzi tat-trasport, jidentifika ruħu bl-eID pereżempju f'suq diġitali [eżempji nazzjonali]) (jekk applikabbli fil-pajjiż)
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IREIDNA	Raġunijiet għaliex ma ntużawx eIDs li huma rikonoxxuti uffiċjalment mill-awtoritajiet pubbliċi jew mis-servizzi pubbliċi u li għandhom livell għoli jew sostanzjali ta' aċċertament skont ir-Regolament eIDAS fl-aħħar 12-il xahar – ir-rispondent ma kienx jaf li teżisti l-eID
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IREIDNO	Raġunijiet għaliex ma ntużawx eIDs li huma rikonoxxuti uffiċjalment mill-awtoritajiet pubbliċi jew mis-servizzi pubbliċi u li għandhom livell għoli jew sostanzjali ta' aċċertament skont ir-Regolament eIDAS fl-aħħar 12-il xahar – ir-rispondent m'għandux eID
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IREIDNN	Raġunijiet għaliex ma ntużawx eIDs li huma rikonoxxuti uffiċjalment mill-awtoritajiet pubbliċi jew mis-servizzi pubbliċi u li għandhom livell għoli jew sostanzjali ta' aċċertament skont ir-Regolament eIDAS fl-aħħar 12-il xahar – ir-rispondent ma kellux bżonn jaċċessa servizz online li jeħtieġ l-eID
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IREIDSEC	Raġunijiet għaliex ma ntużawx eIDs li huma rikonoxxuti uffiċjalment mill-awtoritajiet pubbliċi jew mis-servizzi pubbliċi u li għandhom livell għoli jew sostanzjali ta' aċċertament skont ir-Regolament eIDAS fl-aħħar 12-il xahar – ir-rispondent ħass li l-użu tagħhom mhux sikur (preokkupat mis-sigurtà tal-ICT, mill-protezzjoni tad-*data* personali)

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IREIDTEC	Raġunijiet għaliex ma ntużawx eIDs li huma rikonoxxuti uffiċjalment mill-awtoritajiet pubbliċi jew mis-servizzi pubbliċi u li għandhom livell għoli jew sostanzjali ta' aċċertament skont ir-Regolament eIDAS fl-aħħar 12-il xahar – kwistjoni ta' użabbiltà jew kwistjonijiet tekniċi (bħal pereżempju diffiċli wisq jew mhux faċli għall-utent, m'għandux qarrej tal-kards xieraq, inkompatibbiltà tas-software, ma ġewx aċċettati għas-servizzi li r-rispondent kellu bżonn jaċċessa)
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IREIDDEV	Raġunijiet għaliex ma ntużawx eIDs li huma rikonoxxuti uffiċjalment mill-awtoritajiet pubbliċi jew mis-servizzi pubbliċi u li għandhom livell għoli jew sostanzjali ta' aċċertament skont ir-Regolament eIDAS fl-aħħar 12-il xahar – ir-rispondent ma setax juża l-eID biex jaċċessa s-servizz bl-ismartphone jew bit-tablet
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IREIDOTH	Raġunijiet għaliex ma ntużawx eIDs li huma rikonoxxuti uffiċjalment mill-awtoritajiet pubbliċi jew mis-servizzi pubbliċi u li għandhom livell għoli jew sostanzjali ta' aċċertament skont ir-Regolament eIDAS fl-aħħar 12-il xahar – raġunijiet oħra
	Kummerċ elettroniku	IBUY	L-aħħar xiri jew ordni ta' oġġetti jew servizzi bl-Internet għall-użu privat
	Kummerċ elettroniku	BPHG	L-użu tal-Internet għax-xiri ta' oġġetti fiżiċi (bħal ħwejjeġ, kotba, ordni tal-ikel minn restorant, kożmetiċi, għamara jew elettronika) mingħand intrapriżi jew persuni privati (inkluż oġġetti użati) minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Kummerċ elettroniku	BSIMC	L-użu tal-Internet għax-xiri ta' abbonamenti ta' konnessjonijiet tal-Internet jew tal-mowbajl minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Kummerċ elettroniku	BSUTIL	L-użu tal-Internet għax-xiri ta' abbonamenti tal-provvista tal-elettriku, tal-ilma jew tat-tisħin, ir-rimi tal-iskart jew servizzi simili minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Kummerċ elettroniku	BTPS_E	L-użu tal-Internet għax-xiri ta' servizzi tat-trasport mingħand intrapriżi, bħal tal-linja, ferrovjarji, biljett tal-ajru jew vjaġġ b'taxi minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Kummerċ elettroniku	BRA_E	L-użu tal-Internet għall-kiri ta' akkomodazzjoni mingħand intrapriżi bħal lukandi jew aġenziji tal-ivvjaġġar minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Kummerċ elettroniku	BTICK2	L-użu tal-Internet għax-xiri ta' biljetti għal xi avveniment (bħal kunċerti, ċinema, avvenimenti sportivi, fieri) minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Kummerċ elettroniku	BBOOK2	L-użu tal-Internet għax-xiri tal-kotba diġitali jew awdjo bħala downloads (inkluż aġġornamenti) minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Kummerċ elettroniku	BSOFT2	L-użu tal-Internet għax-xiri tas-software bħala download (inkluż aġġornamenti) minn sit web jew app għal użu privat fl-aħħar 3 xhur

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Kummerċ elettroniku	BGAMES2	L-użu tal-Internet għax-xiri tal-logħob bħala download (inkluż aġġornamenti) jew oġġetti virtwali ta' ġol-logħba minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Kummerċ elettroniku	BMUSS2	L-użu tal-Internet għal abbonament bi ħlas (inkluż abbonamenti eżistenti u ġodda) għal servizz tal-istreaming tal-mużika għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Kummerċ elettroniku	BFLMS2	L-użu tal-Internet għal abbonament bi ħlas (inkluż abbonamenti eżistenti u ġodda) għal servizzi ta' streaming tal-films, tas-sensiliet jew tal-isport għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Kummerċ elettroniku	BBOOKNLS2	L-użu tal-Internet għal abbonament bi ħlas (inkluż abbonamenti eżistenti u ġodda) għal siti tal-aħbarijiet online, gazzetti online (elettroniċi) jew megezins online minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Kummerċ elettroniku	BGAMSS	L-użu tal-Internet għal abbonament bi ħlas (inkluż abbonamenti eżistenti u ġodda) għal servizzi ta' streaming tal-logħob għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Kummerċ elettroniku	BHLFTS2	L-użu tal-Internet għal abbonament bi ħlas (inkluż abbonamenti eżistenti u ġodda) għal apps relatati mas-saħħa jew l-eżerċizzju fiżiku għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Kummerċ elettroniku	BAPP2	L-użu tal-Internet għal abbonament bi ħlas (inkluż abbonamenti eżistenti u ġodda) għal apps oħra (bħal apps relatati mat-tagħlim tal-lingwi, l-ivvjaġġar, it-temp) għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Kummerċ elettroniku	BCEPG	L-użu tal-Internet għax-xiri ta' oġġetti fiżiċi mingħand persuni privati minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Kummerċ elettroniku	BTPS_PP	L-użu tal-Internet għax-xiri ta' servizzi tat-trasport mingħand persuni privati minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur [eżempji nazzjonali]
	Kummerċ elettroniku	BRA_PP	L-użu tal-Internet għall-kiri ta' akkomodazzjoni mingħand persuni privati minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur [eżempji nazzjonali]
	Kummerċ elettroniku	BHHS_PP	L-użu tal-Internet għax-xiri ta' servizzi domestiċi bħal tindif, babysitting, tiswija, ġardinaġġ) mingħand persuni privati minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur [eżempji nazzjonali]
	Kummerċ elettroniku	BOTS (fakultattiva)	L-użu tal-Internet għax-xiri ta' xi servizz ieħor (għajr servizzi finanzjarji jew tal-assigurazzjoni) minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur (fakultattiv)
	Kummerċ elettroniku	BF	L-għadd ta' drabi li oġġetti jew servizzi nxtraw bl-Internet minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Kummerċ elettroniku	BPSH	Problemi tas-sikurezza jew tas-saħħa (bħal bini, materjal jew software tal-prodott wasslu għal aċċident, korriment, jew problema tas-saħħa) ikkawżati fl-aħħar 3 xhur minn prodotti mixtrija online qabel
	Kummerċ elettroniku	BFIN_IN1	L-użu tal-Internet għax-xiri ta' poloz tal-assigurazzjoni, inkluż assigurazzjoni tal-ivvjaġġar, f'pakkett flimkien ma' pereżempju biljett tal-ajru, minn sit web jew app għal skop privat fl-aħħar 3 xhur
	Kummerċ elettroniku	BFIN_CR1	L-użu tal-Internet għat-teħid ta' self, mutwu ipotekarju jew għall-arranġament ta' kreditu min-għand banek jew fornituri ta' prodotti finanzjarji oħra minn sit web jew app għal skop privat fl-aħħar 3 xhur
	Kummerċ elettroniku	BFIN_SH1	L-użu tal-Internet għax-xiri jew għall-bejgħ ta' ishma, bonds, unitajiet f'fondi jew assi finanzjarji oħra minn sit web jew app għal skop privat fl-aħħar 3 xhur
	Ostakli u problemi fl-użu	BTFW1	Problemi mġarrba fil-kummerċ bl-Internet: is-sit web kien diffiċli biex jintuża jew ma ħadimx b'mod sodisfaċenti (eż. kien ikkumplikat wisq, ħawwad lill-utent, teknikament jiffunzjona ħażin) waqt ix-xiri online minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Ostakli u problemi fl-użu	BDGL1	Problemi mġarrba fil-kummerċ bl-Internet: diffikultajiet biex tinstab informazzjoni dwar garanziji jew drittijiet legali oħra waqt ix-xiri online minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Ostakli u problemi fl-użu	BSPD1	Problemi mġarrba fil-kummerċ bl-Internet: twassil aktar bil-mod minn dak indikat, imġarrab waqt ix-xiri online minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Ostakli u problemi fl-użu	BCPR1	Problemi mġarrba fil-kummerċ bl-Internet: kostijiet finali ogħla minn dawk indikati (bħala tariffi ta' tranżazzjoni mhux mistennija jew tariffi ta' garanzija mhux ġustifikati) waqt ix-xiri online minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Ostakli u problemi fl-użu	BWDN1	Problemi mġarrba fil-kummerċ bl-Internet: twasslu oġġetti jew servizzi żbaljati jew difettużi, imġarrba waqt ix-xiri online minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Ostakli u problemi fl-użu	BFRA1	Problemi mġarrba fil-kummerċ bl-Internet: problemi ta' frodi (bħal meta ma jasal l-ebda oġġett jew servizz, użu ħażin tad-dettalji tal-kards tal-kreditu), imġarrba waqt ix-xiri online minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Ostakli u problemi fl-użu	BCR1	Problemi mġarrba fil-kummerċ bl-Internet: kien diffiċli li jsiru lmenti u jinkiseb rimedju, jew ma ngħatax rispons sodisfaċenti għal ilment, waqt ix-xiri online minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Ostakli u problemi fl-użu	BDNS1	Problemi mġarrba fil-kummerċ bl-Internet: bejjiegħ barrani ma kienx ibigħ fil-pajjiż tar-rispondent, waqt ix-xiri online minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Ostakli u problemi fl-użu	BOTH2	Problemi mġarrba fil-kummerċ bl-Internet: problemi oħra mġarrba waqt ix-xiri online minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Ostakli u problemi fl-użu	BARR2X	Ma ġġarrbet l-ebda problema waqt ix-xiri online minn sit web jew app għall-użu privat fl-aħħar 3 xhur
	Ostakli u problemi fl-użu	IUPSX (fakultattiva)	Soluzzjoni għall-problemi mġarrba waqt l-użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur – ir-rispondent ma kellu l-ebda problema (fakultattiva)
	Ostakli u problemi fl-użu	IUPSSE (fakultattiva)	Soluzzjoni għall-problemi mġarrba waqt l-użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur – ir-rispondent talab lil xi ħadd biex jgħinu (fakultattiva)
	Ostakli u problemi fl-użu	IUPSFIX (fakultattiva)	Soluzzjoni għall-problemi mġarrba waqt l-użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur – ir-rispondent solva jew ipprova jsolvi l-problema hu stess (fakultattiva)
	Ostakli u problemi fl-użu	IUPSNO (fakultattiva)	Soluzzjoni għall-problemi mġarrba waqt l-użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur – ir-rispondent ma pprovax isolvi l-problema (fakultattiva)
	Ostakli u problemi fl-użu	IUPSOTH (fakultattiva)	Soluzzjoni għall-problemi mġarrba waqt l-użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur – għajr għajnuna mingħand xi ħadd biex isolvi l-problema, ir-rispondent solva jew ipprova jsolvi l-problema hu stess jew ma pprovax issolvi l-problema (fakultattiva)
	Ostakli u problemi fl-użu	IUNUN (fakultattiva)	Raġunijiet għaliex m'użax l-Internet fl-aħħar 3 xhur – ir-rispondent ma kellux bżonn (għax l-Internet ma kienx utli, mhux interessanti, eċċ.) (fakultattiva)
	Ostakli u problemi fl-użu	IUNUTD (fakultattiva)	Raġunijiet għaliex m'użax l-Internet fl-aħħar 3 xhur – ir-rispondent deherlu li l-użu tal-Internet bħala diffiċli wisq (fakultattiv)
	Ostakli u problemi fl-użu	IUNUCH (fakultattiva)	Raġunijiet għaliex m'użax l-Internet fl-aħħar 3 xhur – ir-rispondent kellu sfidi fiżiċi jew mentali biex juża l-Internet (inkluż diżabbiltà fiżika, diżabbiltà fil-vista, dimenzja, bżonnijiet speċjali, jew diżabbiltà oħra) (fakultattiva)
	Ostakli u problemi fl-użu	IUNUSP (fakultattiva)	Raġunijiet għaliex m'użax l-Internet fl-aħħar 3 xhur – ir-rispondent tħasseb fuq is-sigurtà jew il-privatezza, beża' minn scam jew ġarrab fastidju online (fakultattiva)

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Ostakli u problemi fl-użu	IUNUCO (fakultattiva)	Raġunijiet għaliex m'użatx l-Internet fl-aħħar 3 xhur – ir-rispondent deherlu li l-kostijiet tal-konnessjoni jew tal-apparat tal-Internet kienu għaljin wisq (fakultattiva)
	Ostakli u problemi fl-użu	IUNUNO (fakultattiva)	Raġunijiet għaliex m'użax l-Internet fl-aħħar 3 xhur – ir-rispondent ma jaqbilx mal-Internet b'mod ġenerali, ma jafdax l-informazzjoni fuq l-Internet (fakultattiva)
	Ostakli u problemi fl-użu	IUNUOTH (fakultattiva)	Raġunijiet għaliex m'użax l-Internet fl-aħħar 3 xhur – raġunijiet oħra għajr li m'hemmx bżonnu, hu diffiċli wisq, għandu sfidi fiżiċi jew mentali, thasseb fuq is-sigurtà u l-privatezza, beża' minn scam, ġarrab fastidju online, l-ispejjeż għaljin wisq, bla fiduċja fl-informazzjoni fuq l-Internet jew ma jaqbilx mal-Internet (fakultattiva)
	Ħiliet diġitali	CXFER1	Attivitajiet imwettqa fl-aħħar 3 xhur għal skopijiet edukattivi, professjonali jew privati li jinvolvu ikkupjar jew ċaqliq ta' fajls (bħal dokumenti, *data*, stampi, filmati) bejn il-folders, l-apparati (eż. bl-email, b'messaġġi istantanji, USB, cable) jew fuq il-cloud
	Ħiliet diġitali	CINSAPP1	Attivitajiet imwettqa fl-aħħar 3 xhur għal skopijiet edukattivi, professjonali jew privati li jinvolvu t-tniżżil jew l-installazzjoni ta' software jew apps
	Ħiliet diġitali	CCONF1	Attivitajiet imwettqa fl-aħħar 3 xhur għal skopijiet edukattivi, professjonali jew privati li jinvolvu tibdil fil-konfigurazzjonijiet ta' software, app jew apparat (bħall-aġġustament tal-lingwa, tal-kuluri, tal-kuntrast, tad-daqs tat-tipa, tal-iżbarri/menujiet)
	Ħiliet diġitali	CWRD1	Attivitajiet relatati mas-software imwettqa fl-aħħar 3 xhur għal skopijiet edukattivi, professjonali jew privati li jinvolvu l-użu ta' software tal-word processing
	Ħiliet diġitali	CPRES2	Attivitajiet relatati mas-software imwettqa fl-aħħar 3 xhur għal skopijiet edukattivi, professjonali jew privati li jinvolvu l-ħolqien ta' fajls (bħal dokumenti, stampi, filmati) li jinkludu bosta elementi bħal test, stampa, tabella, ċart, animazzjoni jew ħoss
	Ħiliet diġitali	CXLS1	Attivitajiet relatati mas-software imwettqa fl-aħħar 3 xhur għal skopijiet edukattivi, professjonali jew privati li jinvolvu l-użu ta' software tal-ispreadsheets
	Ħiliet diġitali	CXLSADV1	Attivitajiet relatati mas-software imwettqa fl-aħħar 3 xhur għal skopijiet edukattivi, professjonali jew privati li jinvolvu l-użu ta' karatteristiċi avvanzati ta' software tal-ispreadsheets (funzjonijiet, formuli, macros u funzjonijiet oħra ta' żviluppatur) biex tiġi organizzata, analizzata, strutturata jew modifikata xi *data*

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/2515/oj

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Ħiliet diġitali	CEPVA1	Attivitajiet relatati mas-software imwettqa fl-aħħar 3 xhur għal skopijiet edukattivi, professjonali jew privati li jinvolvu l-editjar ta' ritratti, filmati jew awdjo
	Ħiliet diġitali	CPRG2	Attivitajiet relatati mas-software imwettqa fl-aħħar 3 xhur għal skopijiet edukattivi, professjonali jew privati li jinvolvu kkowdjar b'lingwa tal-ipprogrammar
	Ħiliet diġitali	UDI	Informazzjoni jew kontenut (bħal filmati, stampi) li jidhru fuq portali web tal-aħbarijiet jew fuq midja soċjali li r-rispondent iqishom foloz jew dubjużi fl-aħħar 3 xhur
	Ħiliet diġitali	TIC	Il-veraċità tal-informazzjoni jew tal-kontenut misjubin fuq portali web tal-aħbarijiet jew fuq midja soċjali mir-rispondent fl-aħħar 3 xhur
	Ħiliet diġitali	TICCSFOI	Il-veraċità tal-informazzjoni jew tal-kontenut misjubin fuq l-Internet, ivverifikati mir-rispondent b'verifika tas-sorsi jew b'tiftix ta' informazzjoni oħra fuq l-Internet (bħal portali oħra tal-aħbarijiet)
	Ħiliet diġitali	TICIDIS	Il-veraċità tal-informazzjoni jew tal-kontenut misjubin fuq l-Internet, ivverifikati mir-rispondent b'segwitu jew parteċipazzjoni f'diskussjoni fuq l-Internet dwar l-informazzjoni
	Ħiliet diġitali	TICNIDIS	Il-veraċità tal-informazzjoni jew tal-kontenut misjubin fuq l-Internet, ivverifikati mir-rispondent b'diskussjoni offline fuq l-informazzjoni ma' persuni oħra jew b'sorsi li mhumiex fuq l-Internet
	Ħiliet diġitali	TICXND	Il-veraċità tal-informazzjoni jew tal-kontenut misjubin fuq l-Internet, mhux ivverifikati għax ir-rispondent diġà jkun jaf li l-informazzjoni, il-kontenut jew is-sors mhumiex affidabbli
	Ħiliet diġitali	TICXSKL	Il-veraċità tal-informazzjoni jew tal-kontenut misjubin fuq l-Internet, mhux ivverifikati għax ir-rispondent ma jkollux il-ħiliet jew l-għarfien biex jagħmel dan
	Ħiliet diġitali	TICXOTH	Il-veraċità tal-informazzjoni jew tal-kontenut misjubin fuq l-Internet, mhux ivverifikati min-ħabba raġunijiet oħra
	Ħiliet diġitali	HM (fakultattiva)	Messaġġi misjuba online fl-aħħar 3 xhur li r-rispondent iqishom ostili jew degradanti fil-konfront ta' gruppi ta' persuni jew individwi f'filmati, blogs, vlogs, fuq il-midja soċjali jew portali web tal-aħbarijiet (inkluż fit-taqsima tal-kummenti) (fakultattiva)
	Ħiliet diġitali	HMPS (fakultattiva)	Gruppi ta' persuni jew individwi attakkati jew immirati b'messaġġi meqjusa ostili jew degradanti minħabba l-fehmiet politiċi jew soċjali (fakultattiva)
	Ħiliet diġitali	HMSO (fakultattiva)	Gruppi ta' persuni jew individwi attakkati jew immirati b'messaġġi meqjusa ostili jew degradanti minħabba l-orjentazzjoni sesswali u/jew l-identitajiet tal-ġeneru (LGBTIQ+) (fakultattiva)

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Ħiliet diġitali	HMSE (fakultattiva)	Gruppi ta' persuni jew individwi attakkati jew immirati b'messaġġi meqjusa ostili jew degradanti minħabba l-ġeneru (fakultattiva)
	Ħiliet diġitali	HMRE (fakultattiva)	Gruppi ta' persuni jew individwi attakkati jew immirati b'messaġġi meqjusa ostili jew degradanti minħabba l-oriġini razzjali jew etnika (fakultattiva)
	Ħiliet diġitali	HMRB (fakultattiva)	Gruppi ta' persuni jew individwi attakkati jew immirati b'messaġġi meqjusa ostili jew degradanti minħabba r-reliġjon jew it-twemmin (fakultattiva)
	Ħiliet diġitali	HMD (fakultattiva)	Gruppi ta' persuni jew individwi attakkati jew immirati b'messaġġi meqjusa ostili jew degradanti minħabba d-diżabbiltà (fakultattiva)
	Ħiliet diġitali	HMA (fakultattiva)	Gruppi ta' persuni jew individwi attakkati jew immirati b'messaġġi meqjusa ostili jew degradanti minħabba l-età (fakultattiva)
	Ħiliet diġitali	HMOTH (fakultattiva)	Gruppi ta' persuni jew individwi attakkati jew immirati b'messaġġi meqjusa ostili jew degradanti minħabba karatteristiċi personali oħra (fakultattiva)
	Sigurtà, privatezza, fiduċja	MAPS_RPS	Twettiq ta' dan li ġej mir-rispondent biex jimmaniġġja l-aċċess għad-*data* personali tiegħu (bħall-isem, id-data tat-twelid, in-numru tal-karta tal-identità, dettalji tal-kuntatt, in-numru tal-kard tal-kreditu, ritratti, il-pożizzjoni ġeografika) fuq l-Internet fl-aħħar 3 xhur: qari tal-politika tal-privatezza qabel jagħti *data* personali
	Sigurtà, privatezza, fiduċja	MAPS_RRGL	Twettiq ta' dan li ġej mir-rispondent biex jimmaniġġja l-aċċess għad-*data* personali tiegħu (bħall-isem, id-data tat-twelid, in-numru tal-karta tal-identità, dettalji tal-kuntatt, in-numru tal-kard tal-kreditu, ritratti, il-pożizzjoni ġeografika) fuq l-Internet fl-aħħar 3 xhur: illimita jew irrifjuta l-aċċess għall-pożizzjoni ġeografika tiegħu
	Sigurtà, privatezza, fiduċja	MAPS_LAP	Twettiq ta' dan li ġej mir-rispondent biex jimmaniġġja l-aċċess għad-*data* personali tiegħu (bħall-isem, id-data tat-twelid, in-numru tal-karta tal-identità, dettalji tal-kuntatt, in-numru tal-kard tal-kreditu, ritratti, il-pożizzjoni ġeografika) fuq l-Internet fl-aħħar 3 xhur: illimita l-aċċess għal profil jew kontenut fuq siti tan-networking soċjali jew fi mħażen online kondiviżi
	Sigurtà, privatezza, fiduċja	MAPS_RAAD	Twettiq ta' dan li ġej mir-rispondent biex jimmaniġġja l-aċċess għad-*data* personali tiegħu (bħall-isem, id-data tat-twelid, in-numru tal-karta tal-identità, dettalji tal-kuntatt, in-numru tal-kard tal-kreditu, ritratti, il-pożizzjoni ġeografika) fuq l-Internet fl-aħħar 3 xhur: irrifjuta li jippermetti l-użu tad-*data* personali għall-finijiet ta' reklamar
	Sigurtà, privatezza, fiduċja	MAPS_CWSC	Twettiq ta' dan li ġej mir-rispondent biex jimmaniġġja l-aċċess għad-*data* personali tiegħu (bħall-isem, id-data tat-twelid, in-numru tal-karta tal-identità, dettalji tal-kuntatt, in-numru tal-kard tal-kreditu, ritratti, il-pożizzjoni ġeografika) fuq l-Internet fl-aħħar 3 xhur: iċċekkja li s-sit web fejn ir-rispondent iku ta *data* personali kien sigur (bħal siti https, kellu logo jew ċertifikat tas-sikurezza)

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Sigurtà, privatezza, fiduċja	MAPS_APD	Twettiq ta' dan li ġej mir-rispondent biex jimmaniġġja l-aċċess għad-*data* personali tiegħu (bħall-isem, id-data tat-twelid, in-numru tal-karta tal-identità, dettalji tal-kuntatt, in-numru tal-kard tal-kreditu, ritratti, il-pożizzjoni ġeografika) fuq l-Internet fl-aħħar 3 xhur: talab lil amministratur jew fornitur ta' siti web jew ta' magni tat-tiftix jagħtih aċċess għad-*data* li kellhom dwar ir-rispondent biex jaġġornaha jew iħassarha
	Sigurtà, privatezza, fiduċja	PCOOK1	Tibdil mir-rispondent fil-konfigurazzjonijiet tal-brawżer tal-Internet tiegħu biex jevita jew jillimita l-cookies fuq xi apparat tar-rispondent
	Sigurtà, privatezza, fiduċja	CCOOK (fakultattiva)	Tħassib mir-rispondent li l-attivitajiet online tiegħu qed jiġu rreġistrati biex jitwasslu reklami speċifikati għalih (fakultattiva)
	Sigurtà, privatezza, fiduċja	USLCOOK	Użu ta' software mir-rispondent biex jillimita l-abbiltà ta' traċċar tal-attivitajiet tiegħu fuq l-Internet fuq xi apparat tar-rispondent
	Sigurtà, privatezza, fiduċja	IUACRG	Fetaħ kont jew reġistrazzjoni ma' app jew servizz bla ħlas (bħal abbonament/kont għal email, midja soċjali, ħwienet online, apps għax-xiri ta' biljetti tat-trasport, streaming tal-mużika, logħob)
	Sigurtà, privatezza, fiduċja	IUACDL	Ħassar jew ipprova jħassar (jew jagħlaq) kont tiegħu fuq app jew servizz bla ħlas (bħal email, midja soċjali, ħwienet online, apps għax-xiri ta' biljetti tat-trasport, streaming tal-mużika, logħob) fl-aħħar 3 xhur
	Sigurtà, privatezza, fiduċja	IUACDLP	Problemi mġarrba meta pprova jħassar il-kont tiegħu fuq app jew servizz bla ħlas (bħad-diffikultà biex isib mod kif iħassar il-kont, qatta' ammont sproporzjonat ta' ħin biex jagħmel dan, kwistjonijiet tekniċi, kundizzjonijiet inaċċettabbli għall-irtirar, ma setax jirnexxilu jwettaq li xtaq) fl-aħħar 3 xhur

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj). Il-livelli ta' aċċertament sostanzjali u għoljin huma definiti skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1502 tat-8 ta' Settembru 2015 li jistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u proċeduri minimi għal-livelli ta' assigurazzjoni għall-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (ĠU L 235, 9.9.2015, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/1502/oj).